**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 25 ta' Frar, 2020

Rikors Numru: 460/19 AL

**A B**

Vs

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie konfermat bil-ġurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-5 ta' Gunju 2005 (Dok A anness) u miż-żwieġ tagħhom ma kienx hemm ulied;
2. Illi l-partijiet isseparaw definittivament permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Joseph Debono tat-30 ta' Novembru 2015 (Dok B

anness) u dan wara proċeduri ta' medjazzjoni li inbdew fit-30 ta' Jannar 2015 (Dok C anness);

3. Illi skont l-istess kuntratt, il-partijiet kienu rrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jitolbu u jottjenu manteniment mingħand xulxin;
4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raġġonevoli ta' rikonċiljazzjoni, anke l-għaliex illum huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta li ġiet konfermata bil-ġurament mill-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-esponenti taqbel mal-premessi indikati fir-rikors promotur u taqbel illi ma hemm l-ebda impediment legali sabiex din l-Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Ottubru, 2019;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkonfermata bil-ġurament minnha;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Novembru 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

| | |
|---|---|
| Dr Abigail Lofaro | Rita Vella Baldacchino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |